MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Numru. 345/2008

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Joseph Livori, iben Carmel, imwieled Vittoriosa fid-19 ta' Marzu, 1950

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli bejn Novembru, 2005 u Jannar, 2008 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kient ġiet fdata jew ikkunsinnjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha

speċifikat u cioe’ ammont ta’ aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta’ Otters Limited;
2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi;
3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi xjentement għamel użu minn document falz.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta’ April, 2009 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
1. fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikoli 18, 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikoli 18, 187 u 189 tal-Kodiċi Kriminali;
4. fl-artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ April, 2009 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ April, 2009 fejn il-parte ċivile nfurmat lill-Qorti li l-imputat ħallas dak kollu dovut u għalhekk ma għandhiex aktar interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ April, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli
18, 293, 294, 310(1)(a), 183, 184, 187 u 189 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ħallas lura dak kollu dovut, il-fedina penali netta u l-ammissjoni tiegħu. Għalhekk ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------